

*KARMENU VASSALLO (1913 –    ), mis-Siġġiewi. Studja fl-Iskola tal-Gvern, fil-Kulleġġ San Alwiġi (B'Kara) u fil-Kunvent San Mark ta' l-Agostinjani (ir-Rabat) fejn għamel kors ta' letteratura Latina u Taljana, kors ta' Filosofija u xi xhur ta' Teoloġija. Għal xi żmien ġurnalista; editur ta' Paġna Letterarja; għalliem tat-Taljan u l-Malti; Rappreżentant tal-Poplu fil-Kunsill tal-Gvern; Surmast tal-Malti fil-Liċeo;* script-writer *mad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u* School B'casting officer *ma' l-Awtorità tax-Xandir. Membru fl-Akkademja tal-Malti mill-1937. Awtur ta'* Metrika Maltija *(1940),* Nirien *(1939),* Kwiekeb ta' Qalbi *(1944),* Ħamiem u Sriep *(1959) u* Tnemnim *(1979). Qaleb għall-Malti wkoll* A Tale of Two Cities *ta' C. Dickens fi* Ġrajja ta' Żewġt Ibliet *(1950).*



## ANTON BUTTIĠIEĠ, B.A., LL.D.*

Żagħżugħ li rada' u xorob l-arja bnina
u safja tal-għoljiet u tal-widien,
kiber qawwi u felħan u b'qalb ħanina
għanna l-għaxqa wis-seħer tal-ħolqien.

Għanna l-btala tal-palm, kobor u żina
ta' ħdura; il-bjuda tar-ranċis; l-ilwien
tal-qawsalla u tal-ward; il-ħajja rżina
li timla l-art u s-sema u kullimkien.

Ħabb il-ħlejjaq ċkejknin, ħelwin, bħall-vjoli;
ra ġmiel Alla f'farfett, għaqlu fin-naħal;
sama' l-ħsejjes irqâq, siekta tad-dud.

Ra s-sħab imiss mad-djar: imil fil-għoli
il-kampnar taż-Żebbuġ: u ġens ir-raħal
jitbiegħed minnu biex ma jkunx meqrud.

2 ta' Ġunju, 1944

**K. VASSALLO**

---

*Dan is-sunett dwar Anton Buttiġieġ (1912 – 1983) bħala poeta nkiteb fuq l-erbgħin sena ilu meta Karmenu Vassallo kien Surġent-Għalliem mal-K.O.M.R. stazzjonat l-Imdina. Sa dak in-nhar Dr. Buttiġieġ kien għadu ma ħareġ stampat ebda wieħed mill-kotba tal-poeżiji tiegħu. Minħabba f'hekk Vassallo sata' jsemmi biss xi poeżiji li Buttiġieġ kien laħaq ippubblika fl-almanakk ta' Muscat, ''Pronostku Matli'', u f'xi rivisti letterarji bħal ''Leħen il-Malti'' u ''Il-Malti''. Biex l-istudjuż jew min jinteressa ruħu fil-poeżija lirika Maltija jieħu idea aħjar ta' dak li ried ifisser Vassallo b'dan is-sunett jeħtieġlu jaqra u jixtarr il-poeżiji li jissemmew fis-sunett t'hawn fuq. – **L-Editur**.